**QORTI TAL-APPELL KRIMINALI**

**IMĦALLEF**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI LL.D.**

**Illum 14 ta' Ottubru 2016**

**Appell Nru: 484/2015**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Bernard C. Spiteri)**

**vs**

**Ernest Cilia**

**Il-Qorti:**

**1.** Rat l-akkuża dedotta kontra Ernest Cilia, detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 0141661(M), imputat quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali fuq talba tal-Kummissarju tat-Taxxi:

> Talli għan-nom u in rappreżentanza ta' MALTATEL LTD u/jew bħala persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni skond l-Att ta' l-1998 dwar Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Att Nru. XXIII ta' l-1998) u regolamenti magħmula bis-saħħa ta' l-istess Att, naqas sal-ħmistax il-jum tat-tieni xahar li jġi wara l-aħħar jum li fih intemmu ż-żminijet ta' taxxa relattivi li jibgħat lill-Kummissarju tat-Taxxi (9) id-denunzji, flimkien mal-ħlas dovut, li saru dovuti fil-perjodi li ntemmu fil-31 ta'

Marzu 2012 sal-31 ta' Marzu 2014 u dan bi ksur tal-artikolu 27, 66, 76(c) u 76(d) ta' l-Att XXIII ta' l-1998

Il-Qorti ġiet mitluba li f'każ ta' ħtija:

(i) tinfliġġi l-piena skond il-liġi; jew

(ii) minbarra li tinfliġġi l-piena skond il-liġi, fuq talba tal-prosekuzzjoni tordna lill-imputat jikkonforma ruħu mal-liġi fi żmien biżżejjed biex ikun jista' jagħmel dan, liema żmien m'għandux jeċċedi tlett xhur, taħt multa ta' €5 għal kull jum li dak in-nuqqas ikompli wara li jgħaddi ż-żmien mogħti mill-Qorti.

2. Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) bhala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tal-20 ta' Ottubru, 2015, VAT Każ Numru 318/2015, li permezz tagħha dik il-Qorti wara li rat l-artikoli 27 u 66, 76(c) u 76(d) tal-Kap. 406 tal-Liġijiet ta' Malta sabet lill-imputat ħati tal-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu u kkundannatu multa ta' disa' mitt euro (€ 900) u b'applikazzjoni tal-artikolu 76 tal-Att XXIII tal-1998 ordnat lill-imputat Ernest Cilia sabiex fi żmien tliet xhur mid-data tas-sentenza jikkonforma ruħu mal-liġi u fin-nuqqas jeħel multa oħra ta' ħames euro (€5) għal kull jum li matulu jkompli n-nuqqas wara li jgħaddi l-imsemmi żmien.

3. Rat ir-rikors tal-appell ta' Ernest Cilia ppreżentat fir-reġistru ta' din il-Qorti fit-2 ta' Novembru, 2015 li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka d-deċiżjoni appellata għar-rigward tas-sejbien ta' ħtija fih u tiddikjara nuqqas ta' ħtija fl-appellant u tilliberah minn kull imputazzjoni u ħtija u fi kwalunkwe każ u mingħajr preġudizzju għas-suespost, f'każ ta' sejbien ta' ħtija tnaqqas il-piena hekk kif imposta fuqu u dana stante r-raġunijiet miġjuba minnu.

4. Rat l-atti u d-dokumenti kollha, semgħet ix-xhieda u semgħet lill-partijiet jittrattaw l-appell.

**5.** Il-fatti in kwantu relevanti għall-appell ta' Ernest Cilia jistgħu jiġu riassunti kif ġej:

Is-soċjetà Maltatel Limited naqset milli tibgħat fiż-żmien stabbilit mil-liġi d-denunzji tat-taxxa li mmaturaw bejn Marzu 2012 u Marzu 2014. L-imputat kien allegatament ir-rappreżentant legali tal-istess soċjetà u kellu r-rappreżentanza ġudizzjarja tagħha kif ukoll kien is-segretarju ta' dik is-soċjetà.

**6.** L-aggravji tal-imputat appellant huwa sostanzjalment kif ġej:

1. Il-prosekuzzjoni naqset milli ġġib l-aħjar prova meta naqset tipproduċi lil rappreżentant tal-MFSA;
2. L-imputat spjega kif huwa tneħħa fiżikament mill-kumpanija u għalhekk ma kellu ebda opportunità jagħmel ebda atti għan-nom tal-kumpanija;
3. Huwa ma seta jagħmel ebda atti għan-nom tal-kumpanija għaliex dan kien ikun jikkostitwixxi reat u għalhekk kien jinsab bl-impossibilità legali li jirregola l-posizzjoni tiegħu;
4. Huwa personalment informa lid-Dipartiment tal-VAT li huwa ma għadux il-persuna responsabbli iżda ħadd mill-kumpanija ma kkonferma dan il-fatt.
5. Il-piena hi eċċessiva.

**Ikkunsidrat:**

**6.** In kwantu għall-ewwel aggravju l-Qorti tirrileva li għalkemm fl-imputazzjoni jingħad li l-imputat appellant qiegħed jitħarrek peress li fiż-żmien relevanti kellu r-rappreżentanza tas-soċjetà Maltatel Limited ir-responsabilità penali tiegħu hi waħda personali u dan in vista ta' dak previst fl-artikolu 82(1) tal-Kap. 406 u fl-artikolu 13 tal-Att dwar l-

Interpretazzoni Kap. 249. Ir-responsabilità imputata lill-appellant, iżda, tistrieh unikament fuq il-fatt li fiż-żmien relevanti l-appellant kien uffiċjal prinċipali tas-soċjetà msemmija. L-unika prova ta' dan li ġiet preżentata fl-atti ta' dan il-kaz tikkonsisti f'dak li jidher huwa *printout* minn sistema *on line* li x-xhud Paul Scicluna xehed li huwa estratt mis-sistema tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni. Il-Qorti tosserva, iżda, li *a calce* tad-dokument in kwistjoni Dok SP3 a fol 6-7 hemm stampati l-kliem http://registry.mfsa.com.mt/companyDetailsRO.do (etc.) li għalhekk jidher li l-informazzjoni fl-istess dokument originat mir-registru tal-MFSA. Hadd mill-MFSA ma ġie prodott biex jikkonferma bil-ġurament il-korrettezza ta' dik l-informazzjoni, li hi l-fondament tal-imputazzjoni, u li dik l-informazzjoni kienet viġenti fiż-żmien relevanti għall-imputazzjoni. Din il-Qorti, għalhekk, fiċ-ċirkostanzi ma tistax tagħti piż probatorju lid-dokument imsemmi Dok SP3.

**7.** In kwantu l-imputazzjoni tirreferi għall-"persuna reġistrata mal-Kummissarju tat-Taxxi Interni" id-dokument esibit bħala prova huwa Dok SP2 ( fol 5) li jikkonsisti f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni mad-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud. Din l-applikazzjoni, iżda, tirrigwarda lis-soċjetà Malta Innovations Ltd u mhux lis-soċjetà Maltatel Limited li skont l-imputazzjoni naqset li tippreżenta d-denunzji relevanti. Għalkemm in-numru tal-kumpanija fuq l-istess dokument SP2, u ċioè C33973, jikkorisspondi ma dak li jidher fuq id-Dok SP3, tenut kont li l-Qorti ġia waslet għall konklużjoni li ma tistax tagħti piż probatorju lil dan l-aħħar dokument u ma teżisti ebda prova li tispjega l-konnessjoni bejn is-soċjetà Malta Innovations Ltd u Maltatel Limited din il-Qorti ma tista' tiġbed ebda konklużjoni oħra ħlief li d-Dok SP2 ma jirrigwardax lis-soċjetà Maltatel Limited. Inoltre, għalkemm dik l-applikazzjoni jidher li hi ffirmata mill-appellant l-

applikant għar-reġistrazzjoni hija s-soċjetà Malta Innovations Ltd u għalhekk il-persuna reġistrata hi l-istess soċjetà u mhux l-appellant.

**8.** Huwa minnu li meta l-appellant xehed quddiem din il-Qorti huwa stqarr li l-affarijiet kien imexxihom huwa (fol. 31) u mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk huwa kienx jaf x'kienu d-dmirijiet tiegħu bħala general manager huwa wieġeb li kien jaf (fol. 36) iżda huwa xehed ukoll li kien irriżenja minn mal-kumpaniji kollha fl-2004 (fol. 31).

**9.** Tenut kont tal-istat tal-provi din il-Qorti ma tistax tirritjeni li ġie pruvat mingħajr dubbju raġonevoli li fiż-żmien relevanti l-appellant kien uffiċjal prinċipali tal-kumpanija Maltatel Limited u li għalhekk iwieġeb personalment għan-nuqqas ta' dik is-soċjetà li tippreżenta d-denunzji li għalihom tirreferi l-imputazzjoni.

**10.** Għalhekk l-ewwel aggravju tal-appellant jirriżulta fondat u ma hemmx ħtieġa li din il-Qorti tindirizza l-aggravji l-oħra tiegħu.

Għall-motivi premessi tilqa' l-appell ta' Ernest Cilia, tħassar is-sentenza appellata u tillibera lill-imputat appellant minn kull imputazzjoni u piena.

(ft) Silvio Camilleri
Prim Imhallef

(ft) Silvana Grech
D/Registratur

Vera kopja

Ghar-Registratur